Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 553/2016

Il-Pulizja

Vs

Leonard Grixti

Illum 23 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Leonard Cutajar detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 65577M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fix-xhur ta' Dicembru sa Marzu, 2016 fil-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk if zminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

(1) Nqas li jghati lil Lucienne Grixit, is-somma ta' 100 ewro, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghall-uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta' Novembru, 2016, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 18 u 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-prosekuzzjoni u kkundannatu ghall xahrejn prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Leonard Grixti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena, u fi kwalunkwe kaz tirriformha dwar il-piena billi taghti provvedimenti li aktar jghamlu ghal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant:

(1) Il-validita' tad-digriet tal-manteniment oltre z-zmien ta' xahrejn minn meta tinghalaq il-medjazzjoni.

Jibda biex jinghad li l-kwestjoni tal-digrieti mhumiex ta' natura li joholqu "res iudicata". Jekk il-ligi (Art 36 tal-Kap 16 u naturalment anke r-regolamenti 397/2003, jghidu li huma ta' natura pendente lite, ma jistax igu kunsidrati li jigri x'jigri, anke meta ma jigux osservati r-regoli procedurali susseggwenti, dak li kien provizorju jsir permanenti.

Il-mistoqsija hija : sakemm idum validu manteniment "pendente lite" jew "provizorju"? Ghall-eternita', sakemm ma jigix revokat u mibdul. It-twegiba hija li sakemm iddum il-medjazzjoni, huwa stadju li sakemm il-parijiet ghadhom gheddejjin bil-medjazzjoni, id-digrieti moghtija jibqghu fis-sehh.

Imma dan hu stadju preliminari u bi-ebda mod finali. Il-medjazzjoni xi darba trid tinghalaq. U meta l-imhallef jaghlaq dik il-medjazzjoni, jaghti zmien ta' xahrejn biex jekk il-partijiet ghandhom interess, iridu jippresentaw dak li hu mandatorju bil-ligi, li ssir l-kawza fil-kontenzjuz. Altrimenti dak kollu li sar

fil-medjazzjoni jinhall u jispicca kull irbit. . . .ghax ma jkun hemm l-ebda lis pendens.

Ir-regolamenti tal-medjazzjoni 397/2003 saru taht il-Kap 12, u cioe' tal-procedura.

Taht dawn ir-regolamenti ma hemm l-ebda provvedment li digrieti moghtija waqt medjazzjoni, anke jekk ma ssirx il-kawza u jghaddi z-zmien ta' xahrejn , xorta jibqghu fis-sehh.

Din il-procedura fil-fatt hija differenti mill-procedura antecedenti li kien hemm meta s-separazzjonijiet kienu jibdew mis-Sekond' Awla. Il-gurisprudenza l-antika inbniet fuq il-principju li d-digriet tas-sekond' awla li m'humiex konvenzjoni jew rinunzja ma jintemmux ma' xahrejn. Imma llum li l-effetti tal-medjazzjoni jispiccaw ma'xahrejn huwa espress fir-regolament ad hoc.

L-awtorizzazzjoni tal-imhallef meta jaghlaq il-medjazzjoni mhix eterna. La mhix eterna l-awtorizzazzjoni tal-lmhahhef, daqstant iehor id-digriet li jkun ta, jintemm meta tintemm l-awtorizzazzjoni.

Din hi sitwazzjoni differenti mid-digrieti li jinghataw waqt iiprocediment u li ghalih japplika l-Artiklu 37 tal-Kodici Civili.

Skont l-Artikhu 37(7) parti tista' taghmel rikors halli tvarja digriet jew li jigi revokat. Jekk ma jkunx hemm kawza pendenti u ppresentata, ma tistax tigi titkellem fuq parti. Dan l-artiklu li intuza biex inholqot gurisprudenza ta' konvenjenza japplika ghal meta jkun hemm kawza pendenti u mhux meta quddiem il-qrati ma hemm xejn, la medjazzjoni u l-anqas kawza. Ghalhekk ma hemm l-ebda qorti li ghandha kompetenza.

ll-prova li Lucienne Grixti segwiet il-procedura stabbilita biex tkompli zzomm fis-sehh l-effetti tal-medjazzjoni, jispetta lill-istess Lucienne Grixti. L-esponenti kien jaf li martu ma ghamlitx tali rikors guramentat, minkejja li l-avukat tal-parti civili kien iddikjara quddiem l-ewwel Qorti fuq l-awtorita' tieghu nnifsu li 'l-medjazzjoni kienet inghalqet gimgha ilu".

Il-procedura, li hija ta' ordni pubbliku, taghmel distinzjoni netta bejn digrieti u sentenzi. Dawk li huma definitivi huma s-sentenzi. id-digrieti huma min-

natura taghhom provizorji, imma ma jistax jithalla f'idejn parti kemm idumu in vigore.

(2) Vjolazzjoni tal-procedura u tas-smiegh xieraq.

Ghalkemm il-ligi taghti l-fakolta' li l-proceduri jsiru in camera dwar manteniment, ma jfissirx li ma jkunx hemm smigh. Ikun hemm smigh tal-partijiet imma mhux fil-pubbliku. Dan kien jigri meta l-proceduri kienu jibdew quddiem is-Sekond'Awla. Illum kwestjonijiet bhal dawn saru bil-korrispondenza. Sa ftit ilu fis-sistema taghna kellna li jista' jsir mandat ta' inibizzjoni, u Qorti taqta' in kollox. Minhabba s-sentenza tal-Qorti Ewropea Micallef v Malta, l-inibizzjoni kellha ssir bis-smigh.

Fil-kaz attwali l-partijiet ma dehru quddiem l-ebda Qorti. Baghtu l-karti lil xulxin, u rcevew ir-risposta. Smiegh ma kien hemm qatt. Id-dispensa li skont il-Kostituzzjoni kazijiet bhal dawn jinstemghu in camera, ma jfissirx li ma jinstemghux u bil-miktub biss.

Umbaghad hemm il-kwestjoni tal-arbitrarjeta' . Digriet ma jistax jigi appellat. Sentenza iva. Jekk digriet ma jigix revokat mill-istess imhallef li jkun hargu, jibqa' inappellabbli, u l-effetti tieghu aghar minn sentenza.

Dan hu rregolari kemm skont il-ligi civili, kemm skont il-procedura nostrana, u kemm skont id-dritt fondamentali.

Ghalhekk l-effetti tad-digriet intemmu. Qed tigi annessa kopja tad-digriet tal-gheluq tal-medjazzjoni.

(3) Dwar il-piena.

Il-piena kienet esagerata. Il-parti civili qed tghix fid-dar konjugali li fuqha l-appellanti ghandu sehem u ghandu ukoll kreditu.

Imma dan ma kien ta' l-ebda konsegwenza. Kienet ukoll l-ewwel darba li kien qed jidher il-Qorti fuq akkuza bhal din.

Ghandu jinghad ukoll li l-ammont stabbilit kien mill-bidu esagerat. Veru li l-Qorti ta' gurisdizzjoni penali ma tidhoix f'dan l-aspett imma meta wiehed iqis li l-appellanti kien qed ihallas parti mill-ammont stabbilit, mhux l-istess bhal meta wiehed ma jhallas assolutament xejn.

Ikkunsidrat,

Illi l-parte lesa seduta stnate ikkonfermat illi l-manteniment dovut in konnessjoni ma dan l-appell thallas fl-intier. Illi allura ghalkemm tirrizulta xorta wahda r-reita madanakollu hemm lok ghall-temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma in parti s-sentenza appellata fejn filwaqt illi tikkonfermaha ghal dak li jirrigwarda l-htija, tirriforma l-piena inflitta u minflok dik ta' xahrejn prigunerija, tillibera lill-appellanti taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

Edwina Grima

Imhallef